



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 20/24

Il-Lussemburgu, 30 ta' Jannar 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-118/22 | Direktor na Glavna direksia "Natsionalna politsia" pri MVR - Sofia

Dritt għat-tħassir: il-ħżin ġenerali u mingħajr distinzjoni, sal-mewt tagħhom, tad-data bijometrika u ġenetika tal-persuni kkundannati kriminalment huwa kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni

L-awtoritajiet tal-pulizija ma jistgħux jaħżnu, mingħajr ebda limitazzjoni ta' terminu ta' żmien ieħor minbarra l-mewt tas-suġġett tad-data, id-data bijometrika u ġenetika li tirrigwarda lill-persuni kollha li kienu suġġetti għal kundanna kriminali definittiva għal reat volontarju. Minkejja li dan il-ħżin ġenerali u mingħajr distinzjoni huwa ġġustifikat bil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' reati kriminali, ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom l-obbligu li jqiegħdu fuq il-kontrollur l-obbligu li jivverifika b'mod regolari jekk dan il-ħżin ikunx għadu neċessarju, u li jirrikonoxxi lill-imsemmi suġġett tad-data d-dritt għat-tħassir ta' din id-data meta dan ma jkunx iżjed il-każ.

Fil-Bulgarija, persuna kienet is-suġġett ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-pulizija fil-kuntest ta' proċedura istruttoria minħabba xhieda falza. Din il-persuna finalment tqieset li kienet ħatja ta' dan ir-reat u ġiet ikkundannata għal piena ta' probation ta' sena. Wara li skontat din il-piena, il-persuna bbenefikat minn riabilitazzjoni. Sussegwentement, tali persuna talbet li titħassar mir-reġistru tal-pulizija. Skont id-dritt Bulgaru, id-data li tikkonċernaha tinħażen f'dan ir-reġistru u tista' tiġi pproċessata mill-awtoritajiet, li għandhom aċċess għaliha mingħajr ebda limitazzjoni ta' terminu ta' żmien wara l-mewt tagħha. It-talba tagħha ġiet miċħuda minħabba li kundanna kriminali definittiva, anki wara riabilitazzjoni, ma tagħmilx parti mir-raġunijiet għal tħassir tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-pulizija. Adita b'rikors, il-Qorti Amministrattiva Suprema Bulgara għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **il-ħżin ġenerali u mingħajr distinzjoni, sal-mewt tagħhom, tad-data biometrika u ġenetika tal-persuni kkundannati kriminalment għal reat volontarju huwa kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li d-data personali li tinħażen fir-reġistru tal-pulizija fil-Bulgarija hija, b'mod partikolari, il-marki tas-swaba', ritratt kif ukoll kampjun għal finijiet ta' ħolqien ta' profil tad-DNA. Ir-reġistru jinkludi wkoll data dwar ir-reati kriminali mwettqa mis-suġġett tad-data u dwar il-kundanni mogħtija f'dan ir-rigward. **Din id-data tista' tirriżulta li hija indispensabbli għall-finijiet tal-verifika dwar jekk is-suġġett tad-data kienx involut fil-kuntest ta' reati kriminali oħra minbarra dawk li għalihom ikun irċieva kundanna definittiva.** Madankollu, dawk il-persuni kollha ma jippreżentawx l-istess livell ta' riskju li jkunu involuti f'reati kriminali oħra u li jiġġustifika tul uniformi ta' ħżin tad-data li tikkonċernahom. B'hekk, fatturi bħan-natura u l-gravità tal-ksur imwettaq jew fl-assenza ta' reċidiva jistgħu jimplikaw li r-riskju rrappreżentat mill-persuna kkundannata ma jiġġustifikax neċessarjament iż-żamma sal-mewt tagħha tad-data li tikkonċernaha fir-reġistru tal-pulizija. Konsegwentement, dan it-terminu huwa xieraq biss f'ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw dan debitament. Issa, dan ma huwiex il-każ meta dan ikun applikabbli b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni għal kull persuna kkundannata b'mod definittiv għal ksur volontarju. Id-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali **tipprevedi l-obbligu, għall-kontrollur, li jivverifika b'mod regolari jekk dan il-ħżin ikunx għadu neċessarju u li jirrikonoxxi lis-suġġett tad-data d-dritt**

għat-tħassir ta' din id-data fl-ipoteżi fejn dan ma jkunx iżjed il-każ.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u jekk huwa meħtieġ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

